# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Jannar, 2002**

**Numru 31**

**Citaz. Nru. 1900/01GV**

**Chevalier Damian Emeka Iwueke ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Tasi Ltd**

**vs**

**Michael Zammit Tabona; u Alexander Giacomotto u Franco Vella ghan-nom u in rapprezentanza tan-Naxxar Lions Football Club**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur nomine gab f'Malta diversi *players* tal-*football* ta' nazzjonalita' barranija b'dan li f'termini ta' *football* dawn ikunu jappartjenu lilu;

Premess illi huwa kien gab lill-*player* Orosco Anoman u ghadda 51% tal-propjeta' tieghu lil Naxxar Lions Football Club, u dahal fi ftehim ma l-istess Club fejn fost affarijiet ohra fi klawsola 7 ta' dan il-ftehim il-partijiet qablu li f'kaz li dan il-player jigi trasferit lil *club* iehor, hamsa u tletin fil-mija (35%) tat-*transfer fees* jghaddu f'idejn l-attur nomine (vide Dok. A);

Premess illi dan il-*player* gie trasferit *ad insaputa* ta' l-attur nomine lil Sliema Wanderers Football Club ghal *transfer fee* ta' ghoxrin elf lira Maltija (Lm20,000);

Premess illi ghalhekk sebat elef lira Maltija (Lm7,000) huma dovuti lill-attur nomine;

Premess illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenuti nomine m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jaghtu kontra t-talba attrici;

L-attur nomine talab lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 *et sequentia* tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili;

2. Tiddikjara li l-konvenuti fil-kwalita' premessa huma debituri versu l-attur nomine fis-somma ta' sebat elef lira Maltija (Lm7,000);

3. Tordna lill-konvenuti fil-kwalita' premessa jhallsu lill-attur nomine dik is-somma hawn fuq dikjarata dovuta lilu kif premess;

Bl- ispejjes, inkluz dawk ta' l-ittri nterpellatorji datati 21 ta' Gunju, 2001, 18 ta' Settembru, 2001 u 17 t'Ottubru, 2001, bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-avukat tal-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**